## Id-Dokument tad-Drittijiet u r-Resposabbiltajiet tar-Residenti

**A. Kull resident f'servizz ta' kura residenzjali ghandu/ha *d-dritt*:**

- ghall-uzu shih u effettiv tad-drittijiet tieghu/taghha personali, civili, legali u bhala konsumatur;
- ghall-kura ta' kwalità li hija addattata ghall-htigiet tieghu/taghha;
- ghat-taghrif kollu dwar l-istat ta' sahhtu/sahhitha u dwar il-kura li jkun hemm;
- li jkun/tkun trattat/a bid-dinjità u r-rispett, u li jghix/tghix minghajr ma jkunu sfruttati, abbuzati jew traskurati;
- li jghix/tghix minghajr diskriminazzjoni jew vittimizzazzjoni u minghajr ma jkun/tkun obbligat/a li jhossu/thossha grat/a lejn dawk li jipprovdulu/a l-kura u l-akkomodazzjoni;
- ghall-privatezza personali;
- li jghix/tghix f'ambjent bhad-dar bla perikli u li jmur/tmur liberament fejn irid/trid kemm gewwa kif ukoll barra mis-servizz tal-kura residenzjali, minghajr restrizzjonijiet zejda;
- li jkun/tkun accettat/a bhala individwu/a u li l-preferenzi individwali tieghu/taghha jkunu kkunsidrati u trattati bir-rispett;
- li jkompli/tkompli bil-prattika kulturali u religjuza tieghu /taghha u li jzomm/izzomm l-ilsien li jaghzel/taghzel, minghajr diskriminazzjoni;
- li jaghzel/taghzel u jzomm/izzomm ir-relazzjonijiet socjali u personali ma' kull persuna ohra minghajr biza', kritika, jew restrizzjoni;
- ghall-helsien tal-kelma;
- li jibqa'/tibqa' jzomm/izzomm l-indipendenza personali tieghu/taghha, li tinkludi l-gharfien tar-responsabbiltà personali tal-azzjonijiet u l-ghazliet tieghu/taghha, wkoll jekk xi azzjonijiet ikollhom xi element ta' riskju li r-resident ghandu/ha d-dritt li jaccetta/taccetta, u li mbaghad m'ghandux jintuza biex jippreveni jew jirrestringi dawk l-azzjonijiet;
- li jzomm/izzomm il-kontrol fuq id-decizjonijiet u li jkompli/tkompli jaghmel/taghmel id-decizjonijiet dwar l-aspetti ta' hajtu/hajjitha ta' kuljum, l-affarijiet finanzjarji u l-proprjetà tieghu/taghha;
- li jkun/tkun involut/a fl-attivitajiet, l-assocjazzjonijiet u l-hbiberiji li jaghzel/taghzel, kemm gewwa kif ukoll barra mis-servizz tal-kura residenzjali;
- li jkollu/ha access ghas-servizzi u l-attivitajiet li jkunu jezistu generalment fil-komunità;
- li jkun/tkun ikkonsultat/a u li jaghzel/taghzel li jiehu/tiehu sehem fid-decizjonijiet dwar l-arrangamenti tal-ghejxien fis-servizz tal-kura residenzjali;
- li jkollu/ha access ghat-taghrif dwar id-drittijiet, il-kura, l-akkomodazzjoni tieghu/taghha u kull taghrif iehor li jkollu x'jaqsam mieghu jew maghha personalment;
- li jilmenta/tilmenta u jiehu/tiehu azzjoni ghas-soluzzjoni tat-tilwim;
- li jkollu/ha access ghall-avukati u opportunitajiet ohra ta' rimedju; u
- li jkun mehlus/a minn atti ta' tpattija jew minn biza' fondat li dan jista' jigri fi kwalunkwe forma ghax tkun ittiehdet azzjoni biex jinforza/tinforza drittijietu/ha.

**B. Kull resident f'servizz ta' kura residenzjali ghandu/ha *r-responsabbiltà:***

- Li jirrispetta/tirrispetta d-drittijiet u l-htigiet tan-nies l-ohra fis-servizz tal-kura residenzjali u li jirrispetta/tirrispetta il-htigiet tal-komunità kollha fis-servizz tal-kura residenzjali;
- li jirrispetta/tirrispetta d-drittijiet tal-impjegati u l-proprjetarju biex jahdmu f'ambjent hieles mill-inkwiet;
- li jiehu/tiehu hsieb sahhtu/sahhitha u li jzomm/izzomm ruhu/ruhha tajjeb sakemm ikunu kapaci; u
- li jgharraf/tgharraf lit-tabib tieghu/taghha, sakemm ikunu kapaci, dwar l-istorja medika relevanti u l-istat prezenti ta' sahhithom.